**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 81/2019 RM**

**Andrew Vassallo General Trading Limited (C-45790)**

**-vs-**

**Christopher Mifsud**

**Illum, 12 ta' Novembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Mejju 2019 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lilha s-somma ta' sitt elef, disa' mija sebgha u hamsin euro u erbgha u disghin centezmu (€6,957.94) jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti sal-kompetenza massima taghha, rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' xogholijiet ta' aluminium jew PVC u xogholijiet ohra ezegwiti mis-socjeta` rikorrenti favur il-konvenut, kollox skond rendikont hawn anness u mmarkat Dokument "A", bl-ispejjez bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta pprezentata mill-konvenut fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Mejju 2019 fejn ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:-

1. *Illi preliminarjament qed tigi eccepita l-preskrizzjoni tat-talba attrici abbazi tal-Artikolu 2148 u subordinatament tal-Artikolu 2149 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fost ohrajn ix-xoghol prestat mis-socjeta` rikorrenti ma kienx skond is-sengha u l-arti u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fost ohrajn l-istess xogholijiet ma sarux skont dak pattwit bejn il-partijiet u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ebda nteressi m'ghandhom jiddekorru stante li qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna, l-esponent ma gie notifikat b'ebda att gudizzjarju u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

5. *Illi ghalhekk l-ebda ammont m'huwa dovut mill-esponent.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Gunju 2019 fejn in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, ordnat li qabel xejn jitressqu l-provi dwar din l-eccezzjoni;

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2020, l-abbli difensur tal-konvenut iddikjarat illi l-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tar-Risposta tieghu hija dik a tenur tal-Artikolu 2148(a) u subordinatament tal-Artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2020 dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni kif eccepit mill-konvenut fl-ewwel eccezzjoni;

Semghet lill-partijiet jaqblu li tista' tghaddi biex tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza dwar din l-ewwel eccezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi bl-ewwel eccezzjoni tieghu fir-Risposta ghar-Rikors promotur[1], il-konvenut jeccepixxi illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema preskrizzjoni ggib l-estinzjoni tal-azzjoni b'gheluq ta' tmintax il-xahar fil-kaz ta':-

"*l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu.*"

Sussidjarjament, il-konvenut jinvoka wkoll il-preskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili, li jiddisponi li l-azzjonijiet segwenti jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn:-

[1] 3 ta' Lulju 2018, fol. 7.

*"l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu.*"

Jinsab pacifikatament ritenut[2] illi meta l-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni, il-Qorti qabel xejn trid tezamina jekk il-preskrizzjoni eccepita hijiex opponibbli ghat-talba u ghall-azzjoni kif imfassla u, f'kaz affermattiv, ghandha tipprocedi biex tiddetermina d-data li minnha ghandu jitqies li dak it-terminu preskrittiv beda jiddekorri (jekk il-preskrizzjoni m'hijiex altrimenti sospiza ai termini tal-Artikoli 2123 *et seq.* tal-Kodici Civili) kif ukoll jekk dak it-terminu, jekk iddekorra, giex interrott ghal motiv dedott mill-parti kontra min giet sollevata l-eccezzjoni.

Jinsab ukoll assodat illi meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eccepita mill-konvenut, m'hijiex dik applikabbli ghall-azzjoni, m'huwiex kompitu taghha li tindaga u tistabbilixxi hija stess liem'hija l-preskrizzjoni applikabbli, ghaliex huwa vjetat it-tqanqil u applikazzjoni *ex officio* mill-Qorti tal-preskrizzjoni[3]. In-natura odjuza tal-eccezzjoni tesigi wkoll li tinghata interpretazzjoni u tifsira restrittiva tal-eccezzjoni, b'mod illi kull dubju dwar l-applikabbilita` taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, ghandu jmur kontra l-eccipjenti tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat;

In materja tal-preskrizzjoni kontemplata mill-Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16, il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija konkordanti fis-sens illi dan l-Artikolu ma jikkontemplax bejgh la bl-imnut u lanqas bl-ingrossa[4], izda jolqot biss il-krediti tal-artefici msemmija fis-subinciz relattiv, li jipprestaw l-opera taghhom. F'dan

[2] **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello** – Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deciza 13 ta' Marzu 2009.
[3] Artikolu 2111 tal-Kodici Civili.
[4] **Euro Concrete Blocks Limited vs Montebello Tyres Limited et**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Marzu 2016.

is-sens, dan l-Artikolu ma japplikax lanqas ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal mill-appaltatur tal-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew[5].

Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-kaz huwa evidenti li t-talba tas-socjeta` attrici m'hijiex semplicement ghall-hlas ta' kreditu ghall-prestazzjoni tal-opra taghha u li l-hlas mitlub m'huwiex dovut minn artefici li ppresta biss l-opera tieghu. Huwa fatt mhux ikkontestat u jirrizulta b'mod evidenti mir-Rikors promotur innifsu kif ukoll mix-xhieda tal-konvenut[6] u mid-dokumenti esebiti minnu stess[7], illi ghalkemm is-socjeta` attrici giet inkarigata mill-konvenut sabiex timmanifattura u tissupplixxi xoghol konsistenti fost ohrajn f'bibien u aperturi ta' aluminium jew PVC, hija forniet ukoll il-materjal biex timmanifattura dawn l-aperturi, fosthom materjal ta' injam, hgieg u *sliding net*.

Illi l-Qrati taghna minn dejjem gharfu d-distinzjoni li tezisti bejn id-dispost tal-ligi fl-Artikolu 2148(a) u d-dispost tal-Artikolu 2149(a) in materja ta' preskrizzjoni[8], liema disposizzjonijiet ghalkemm ghandhom certa affinita` bejniethom, jippreskrivu terminu ta' preskrizzjoni differenti ghall-estinzjoni tal-azzjoni relattiva. L-insenjament pacifiku in materja jirritjeni illi l-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148(a) tapplika ghal krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom, filwaqt li fil-kaz tal-Artikolu 2149(a):-

"*... ... ... il-preskrizzjoni tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol ('opus') minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet.*"[9]

Is-sentenza celebri in materja tad-definizzjoni tal-krediti kolpiti bil-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148(a) a differenza minn dawk kolpiti bil-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2149(a), hija dik riportata f'Vol.

---

[5] **Lawrence Formosa et vs Anthony Borg pro et noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell, 27 ta' Jannar 1997.
[6] Xhieda 28 ta' Novembru 2019.
[7] Dok. CM1, fol. 33, 34.
[8] Ara **Evan Balzan vs Mary Grace Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza tal-25 ta' Frar 2015, li citat *inter alia* minn sentenza tal-Qorti tal-Kummerc riportata fil-**Vol. XLII P III p. 1151**.
[9] **Evan Balzan vs Mary Grace Farrugia**, *supra*.

XXXVIII P. III p. 710, fejn intqal illi l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148(a):-

"*... ... ... tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol - meta l-lokazzjoni d' opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.*"[10] [enfasi ta' din il-Qorti]

Illi mizmum ferm il-premess, huwa manifest li l-azzjoni tal-attur ghall-hlas tal-kreditu naxxenti min-negozju konkluz bejn il-partijiet m'hijiex kolpita bil-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut a tenur tal-Artikolu 2148(a), u dan ghaliex ghan-negozju konkluz bejn il-partijiet jidher li kien wiehed ta' *locatio operis*[11] fejn is-socjeta` attrici, kif gia` nghad, ipprestat kemm l-opra taghha kif ukoll il-materjal mehtieg biex tissupplixxi finalment il-prodott tax-xoghol taghha (*opus*).

Konformement, il-Qorti tqis illi l-fattispecji ta' dan il-kaz jirrientraw taht il-kappa tas-subinciz (a) tal-Artikolu 2149 u mhux dik tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat;

Stabbilit dan, jehtieg li jigi kkunsidrat jekk, kif sottomess mill-abbli difensur tas-socjeta` attrici waqt it-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni[12], l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tistax tregi minhabba illi (i) hija inkompatibbli mal-eccezzjoni l-ohra sollevata mill-konvenut dwar ix-xoghol allegatament hazin li sar mis-socjeta` attrici[13] (ii) l-konvenut ma ottemperax ruhu mar-rekwiziti tal-Artikolu

---

[10] Citata fis-sentenza **Langdale Limited vs Jon David Limited** deciza (Appell.Inferjuri) fit-3 ta' Novembru 2005.
[11] L-Artikolu 1633 tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:- "*Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal.*"
[12] Seduta 23 ta' Settembru 2020.
[13] Ara t-tieni eccezzjoni fir-Risposta tal-konvenut tat-3 ta' Lulju 2018.

2160 tal-Kap. 16 u (iii) fi kwalsiasi kaz, iz-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kien ghadu ma ghalaqx.

Huwa ormai pacifiku in materja illi jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqaghlha l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija inkompatibbli. Il-Qrati taghna ilhom konsistentement iqisu illi l-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk id-debitur, billi jassumi certu linja ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pozizzjoni guridika tieghu mal-presupposti tal-istitut tal-preskrizzjoni.

"*Dan jigri, tipikament, fejn l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur, izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont jew ahjar kif jinghad f'din il-kawza il-quantum huwa esagerat. Konformement bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta.*"[14]

Fis-sistema legali lokali huwa rikonoxxut illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija kompatibbli biss mal-eccezzjoni tal-inezistenza totali tad-debitu. Fis-sentenza appena citata (**Busuttil v. Public Broadcasting Services Limited**), il-Qorti citat mit-Troplong ("*Prescrizione*" No. 67) illi fisser li:-

"… … … *quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione*".

Fil-fehma tal-Qorti, l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li x-xoghol mertu tal-kreditu pretiz ma sarx skont is-sengha u l-arti u skont dak pattwit bejn il-partijiet, jimplikaw rikonoxximent li hemm xi xejra ta' kreditu li huwa ezistenti, ghad mhux fl-ammont mitlub jew f'ammont ferm inferjuri minn dak reklamat. Il-Qorti tifhem illi din ix-xorta ta' eccezzjoni hija inkompatibbli u

[14] Vide **Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited**, deciza fit-28 ta' April 2004 mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri.

irrikonciljabbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex timporta rikonoxximent tal-ezistenza ta' xi forma ta' kreditu.

Jinghad ukoll illi l-insenjament in materja huwa pacifiku fis-sens illi l-konvenut huwa prekluz milli jeccepixxi l-preskrizzjoni meta jirrizulta li hu ma jkunx ghadu hallas il-prezz shih. Fir-rigward, il-Qorti tal-Appell f'sentenza recenti[15], fissret hekk:-

*"L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva tipprezumi hlas [ara sentenza tal-Prim'Awla fil-kawza* ***Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi*** *deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-25 ta' Frar 1920 (Vol. XXIV.i.373)2], cjoe' l-estinzjoni tal-obbligazzjoni.*
*… … …*
*Fil-fehma tal-qorti b'dan il-kliem l-appellat ikkonferma li* ***ma hallasx il-kera****. Fis-sentenza* ***Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi (****25 ta' Frar, 1920, Volum XXIV.i.373), intqal:- 'che il convenuto …. ha confessato di non aver pagato fitto …. e quindi avendo confessato di non aver pagato, egli e' precluso dal poter eccepire la prescrizione quinquennale che egli oppone, la quale e' prescrizione presuntiva di pagamento ed e' inconciliabile colla confessione di non aver pagato…'*
*… … …*
*Id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma hallasx, m'hijiex kompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva kontemplata fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 tal-Kodici Civili li jipprezumu l-hlas. Dak li japplika fil-kaz fejn id-debitur jinghata l-gurament (Artikolu 2160 tal-Kodici Civili), il-qorti ma tarax ghalfejn m'ghandux japplika wkoll fejn id-debitur jixhed minn jeddu.*

*L-ghoti ta' raguni ghalfejn ma sarx il-hlas, mhuwiex rilevanti. Fis-sentenza* ***Zammit and Cachia Trading Co. Ltd et vs Mizzi****, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Dicembru 2005, intqal: ""Il-konvenut ex confessis jammetti li huwa ma hallasx u offra l-ispjegazzjoni tieghu ghal dan in-nuqqas ta' pagament, allavolja ma ntalbet ebda raguni minghandu dwar dan. Biex wiehed jissellef mis-sentenza fl-ismijiet "****Dr. Toni Abela nomine - vs - Maurice Vassallo****", Appell, 19 ta' Mejju 2000, "li kieku l-konvenut xehed li m'ghandux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas jiftakar li ghandu jaghtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura l-eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx. Kwindi lanqas hu kaz li l-konvenut 'ma jiftakarx' li ghandu jaghti xi haga ghax hu jiftakar li ma hallas qatt".*

[15] Sede Inferjuri: **Burmarrad Commercials Limited vs Claude Camilleri**, deciza 29 ta' Lulju 2016.

Issa fil-kaz in dizamina, il-konvenut xehed hekk minn jeddu:-

"*... jiena ridt nirranga imma jiena fuq hsara mhux sa, ma ghandix nippretendi li ghandi nhallas.*"[16]

Imbaghad, meta gie mistoqsi in kontro-ezami jekk kienx jaf li ghat-tieni ordni ta' xoghol minghand is-socjeta` attrici, kien ghad fadal x'jithallas, afferma li dan hu minnu u zied jghid ukoll illi huwa kien qed jistenna li s-socjeta` attrici tirranga d-difetti u x-xoghol hazin li sar. Ghalkemm il-konvenut xehed illi ma hemm l-ebda bilanc dovut lis-socjeta` attrici ghax-xogholijiet li wettqet, il-Qorti tosserva illi meta gie mistoqsi biex ifisser ghaliex qal li m'hemmx bilanc x'jithallas lis-socjeta` attrici, il-konvenut fisser li dan qalu mhux ghaliex ma hemmx bilanc mitlub mis-socjeta` attrici izda:-

"*Ghax il-hsara li ghamluli kienet ikbar, ikbar milli allura ma ghandi nhallas xejn jien.*"[17]

Konformement mal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoniet tas-socjeta` attrici illi l-linja difensjonali esposta mill-konvenut hija kunfliggenti mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, liema eccezzjoni ghaldaqstant ma tistax treggi. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li tista' tieqaf hawn u li mhux mehtieg fic-cirkostanzi illi jigi kkunsidrat jekk, kif sottomess mil-abbli difensur tas-socjeta` attrici, il-konvenut osservax ir-rekwiziti tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili kif emendati bl-Att I u VII tal-2017, jew jekk iz-zmien ghall-preskrizzjoni effettivament ghalqitx jew le.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.**

---

[16] Xhieda 28 ta' Novembru 2019, fol. 22.
[17] Fol. 23 u 24.

**L-ispejjez ta' dan l-episodju jhallashom il-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**